Il-Ħamis 6 ta' Frar 2014

P7_TA(2014)0097

Deċiżjoni li ma ssirx oppożizzjoni għall-miżura ta' implimentazzjoni: Il-volum ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li għandhom jiġu rkantati fil-perjodu 2013-2020

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2014 biex ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni dwar l-Abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru …/… li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1031/2010 b'mod partikolari sabiex jiġi stabbilit il-volum ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li għandhom jiġu rkantati fil-perjodu 2013-2020 (D031326/02 – 2014/2523(RPS))

(2017/C 093/63)

Il-Parlament Ewropew,

— Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru …/… li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1031/2010 b'mod partikolari sabiex jiġi stabbilit il-volum ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li għandhom jiġu rkantati fil-perjodu 2013-2020,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni mogħtija fit-8 ta' Jannar 2014 mill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 23 tad-direttiva msemmija hawn fuq,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kummissjoni tas-7 ta' Jannar 2014, li permezz tagħha talbet lill-Parlament jiddikjara li mhuwiex se jopponi l-abbozz ta' regolament,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel lill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, bid-data tat-30 ta' Jannar 2014,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 88(4)(d) u 87a(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jiddikjara li ma jopponix l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi/tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kummissjoni u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Kunsill.

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.
([2]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.